**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Distrett Ħal Qormi**

**Kawża Numru: 1431/2024**

**Pulizija**

**vs**

**Nikolai Busuttil**

**Illum, 30 ta' Settembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Nikolai Busuttil ta' 33 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 9191M, u li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"... fil-Gzejjer Maltin, fis-6 ta' Jannar 2024 u fix-xhur ta' qabel u fix-xhur ta' wara,*
>
> 1) *Ġewwa l-biċċa art li hija propjeta' esklussiva ta' waħda mis-Soċjetajiet ta' l-istess Kwerelant, li fiha hemm mibni garage, bla isem u bla numru, liema art tifforma parti mill-għalqa magħrufa "Ta' Farsina b'aċċess minn passaġġ li jieħu mit-Triq tal-l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil w/jew minn min hekk mqabbad minnu, xjentement, dolożament u volontarjament bi ksur dirett ta' l-istess Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil w/jew minn min hekk mqabbad minnu, mhux biss ħadu l-istess liġi f'idejhom imma wkoll, klandistinament u dejjem bi ksur dirett ta' l-istess Liġijiet*

*ta' Malta, mhux biss kiser l-istess termini ta' l-istess kuntratt ta' Kirja eżistenti bejn l-istess Kwerelant u l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil billi d-depożita bla permess numru mhux ħażin ta' karozzi ta' terzi fl-istess propjeta' esklussiva ta' waħda mis-Soċjetajiet ta' l-istess Kwerelant, permez ta' użu ta' forza illeċita w illegali w fuq kollox mhix awtorizzata, w dejjem ukoll b'violazzjoni diretta ta' l-istess propjeta' esklussiva privata ta' l-istess Kwerelant w b'eżerċizzju arbitrarju ta' drittijiet pretiżi li qegħdin jippretendu li għandhom dritt iwettqu minn wara dhar l-istess Kwerelant, l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil w/ jew minn min mqabbad minnu, wżaw forza illeċita w illegali sabiex jħassru, jirrovinaw darba għal dejjem l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars, għamlu ħsara volontarja sabiex jgħarraqu darba għal dejjem l-istess ħwejjeġ ta' l-istess Kwerelant (Ara dokumenti hawn annessi w immarkati bħala Ritratti meħuda fit-3 ta' Marzu 2020 kif ukoll Ritratti meħuda fis-7 ta' Jannar 2024 et seq);*

2) *Talli fil-Gżejjer Maltin, fis-6 ta' Jannar 2024 u fix-xhur ta' qabel u fix-xhur ta' wara, ġewwa l-biċċa art li hija propjeta' esklussiva ta' waħda mis-Soċjetajiet ta' l-istess Kwerelant, li fiha hemm mibni garage, bla isem u bla numru, liema art tifforma parti mill-għalqa magħrufa "Ta' Farsina," b'aċċess minn passaġġ li jieħu mit-Triq tal-Ħlas, fĦal Qormi, xjentament, dolożament u volontarjament l-istess Kwerelant Nikolai Busuttil w/jew minn min mqabbad minnu, b'mod klandestin u b'mod vjolenti w b'użu ta' forza illeċita, sabiex jħassru w jagħmlu ħsara volontarja w sabiex jgħarraf darba għall-dejjem l-istess ħwejjeġ ta' l-istess Kwerelant, ossija, barra li b'mod klandestin u b'mod vjolenti w volontarjament ħassar u/jew għamel ħsara volontarja w/jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' għamlu ħsara estensiva billi żarmaw l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars li kienet armata fuq l-istess art li tifforma parti mill-istess għalqa magħrufa bħala "Ta' Farsina," l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil w/jew minn min mqabbad minnu, wżaw forza illeċita sabiex jirrovinaw darba għall-dejjem l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars, tant li huwa impossibbli li terġa tarma b'suċċess l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars, bi ksur dirett ta' l-istess Artikolu 325 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3) *Talli fil-Gżejjer Maltin, fis-6 ta' Jannar 2024 u fix-xhur ta' qabel u fix-xhur ta' wara, ġewwa l-biċċa art, li fiha hemm mibni garage, bla isem u bla numru, liema art tifforma parti mill-għalqa magħrufa "Ta Farsina," b'aċċess minn passaġġ li jieħu mit-Triq tal-Ħlas, f'Ħal Qormi xjentament, dolożament u volontarjament*

*l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil, sabiex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl awtorita' tiegħu innifsu lil xi ħaddieħor jesegwixxu ordni li tkun u/jew li fixkel lill-istess Kwerelant fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi w/jew li bl-għajnuna ta' terzi mhux magħrufa, l-istess Kwerelat Nikolai xjentament, dolożament u volontarjament mhux biss li ndaħal fi ħwejjeġ ta' l-istess Kwerelant bi ksur ta' l-istess Artikolu 42, l-istess Artikolu 43, l-istess Artikolu 44, l-istess Artikolu 45 u l-istess Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, imma wkoll xjentament, dolożament u volontarjament, l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil daħħal bħala kompliċi terzi persuni mhux magħrufa sabiex b'mod klandestin u b'mod vjolenti jużaw forza illeċita w illegali sabiex jħassru w/jew jagħmlu ħsara volontarja w sabiex jgħarraqu l istess ħwejjeġ ta' l-istess Kwerelant, ossija barra li b'mod klandestin u b'mod vjolenti żarmaw l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars li kienet ġa armata fuq l-istess art li tifforma parti mill-istess għalqa magħrufa bħala "Ta' Farsina," l-istess Kwerelat Nikolai Busuttil w/jew minn min mqabbad minnu, wżaw forza illeċita sabiex jirrovinaw darba għaldejjem l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars, tant li huwa impossibli li terġa tarma b'suċċess l-istess Kastel fejn jiġu użati l-istess bumping cars (Ara dokumenti hawn annessi w immarkati bħala Ritratti meħuda fit-3 ta' Marzu 2020 kif ukoll Ritratti meħuda fis-7 ta' Jannar 2024 et seq).*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti eżaminat il-provi miġbura, iżda ma tqisx li tressqu provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat li kkommetta dawn l-imputazzjonijiet li qed jiġi akkużat bihom. Huwa inutli li jiġi argumentat, li l-imputat kien jikri l-post in kwistjoni. Jibqa' l-fatt li l-provi kellhom ikunu stradati, biex tiġi ppruvata li dak li qed jilmenta minnu l-kwerelant, kienu seħħew b'aġir jew ommissjoni tal-imputat. Fil-każ odjern, irriżulta mix-xhieda prodotta, li hemm terzi persuni li qegħdin jokkupaw dawn l-ambjenti. Il-kwerelant isemmi fix-xhieda tiegħu, ministeru nvolut u li tpoġġew f'dawn l-ambjenti xi karozzi. Quddiem din il-Qorti, ma tressqux provi dwar min effettivament fixkel l-allegat pussess ta' Publius Said minn dawn l-ambjenti, jew min ikkaġuna ħsarat volontarja fuq l-oġġetti, proprjetà ta' Publius Said. Addirittura, fl-affidavit ta' PS 827 Edward Grech ġie kkonfermat, li meta sar ir-rapport minn Publius Said, Said stqarr li sab li persuna/i mhux magħrufa, kienu żarmaw partijiet mill-inġenji, bil-konsegwenza li kkaġunaw ħsarat.

Kif inhu ben saput, fil-kamp penali, kwalunkwe dubju għandu jmur a favur l-imputat, u għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Anke dwar l-imputazzjoni relatata ma' ħsarat, ma tresqux provi dwar f'liema kundizzjoni kienu dawn l-oġġetti, u f'liema kondizzjoni jinsabu llum-il ġurnata. In fatti, l-istess imputat spjega fix-xhieda tiegħu in kontroezami tat-3 ta' Ġunju, 2024, li dawn il-*bumping cars* u l-attrezzatura tagħhom, kienu l-aħħar li ntramaw f'Marsalforn, Għawdex, fis-sena 2016. Anke fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Marzu, 2024, Publius Said ammetta li kien ilu jarma dawn l-inġenji, għal tletin sena ġewwa Marsalforn. Għaldaqstant, kien jinkombi fuq il-kwerelant li jġib prova dwar f'liema kundizzjoni kienu, iktar u iktar meta kienu ilhom ma jintużaw sa mis-sena 2016. Lanqas ma tressqu provi, li b'xi mod jistgħu jallaċjaw din il-ħsara mal-persuna tal-imputat.

Dwar l-aħħar imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi dwarha, u lanqas ikkjarifikat dwar liema reat kien qed jiġi akkużat l-imputat permezz ta' din l-imputazzjoni. Apparti minn hekk, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ma tressqu l-ebda provi, li b'xi mod ġiet ippruvata il-konnessjoni tal-imputat ma' tali imputazzjoni.

**Deċide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, u tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

______________________________

**Magistrat Dr. Simone Grech**

______________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**